Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/2078(INI)

13.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2023
(2023/2078(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ivars Ijabs

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2023
(2023/2078(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Unjoni Bankarja – rapport annwali 2022"[1],

– wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Unjoni Bankarja – rapport annwali 2022",

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2022 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar l-attivitajiet superviżorji tal-21 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2022 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) tat-30 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (COM(2015)0586),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2018 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral (AECE) (COM(2018)135),

– wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2022 bit-titolu "Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus: il-Kunsill jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu dwar ġabra ta' regoli msaħħa",

– wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Is-settur bankarju: intlaħaq qbil proviżorju dwar l-implimentazzjoni tar-riformi ta' Basel III",

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (COM(2023)226),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (COM(2023)227),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2023 għal Direttiva tal-

[1] Testi adottati, P9_TA(2023)0270.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tad-depożiti, l-użu tal-fondi tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti, il-kooperazzjoni transfruntiera, u t-trasparenza (COM (2023) 228),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa",

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-Unjoni Bankarja,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-indirizzar tas-self li ma jrendix wara l-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0822);

– wara li kkunsidra l-eżitu tal-eżerċizzju ta' trasparenza tal-2023 tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) fl-Unjoni kollha, ippubblikat fit-28 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra d-dokument tal-BĊE ta' Mejju 2023 bit-titolu "Rieżami tal-Istabbiltà Finanzjarja",

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-12 ta' Mejju 2023 bit-titolu "Rapport Speċjali 12/2023: Superviżjoni mill-UE tar-riskju ta' kreditu tal-banek – Il-BĊE żied l-isforzi tiegħu iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiżdied l-aċċertament li r-riskju ta' kreditu jiġi mmaniġġjat u kopert b'mod xieraq",

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Andrea Enria, il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE, fis-seduti ta' smigħ tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament fil-21 ta' Marzu 2023 u fit-28 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet fis-seduta ta' smigħ pubbliku tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji mal-kandidat propost għall-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE fl-20 ta' Settembru 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Dominique Laboureix, President tal-SRB, fis-seduti ta' smigħ tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament fl-1 ta' Marzu 2023 u fit-18 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra n-nota ta' rapportar biannwali tal-SRB lill-Grupp tal-Euro tal-15 ta' Mejju 2023,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE, l-EBA u l-SRB tal-20 ta' Marzu 2023 dwar it-tħabbira fid-19 ta' Marzu 2023 mill-awtoritajiet Żvizzeri,

– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim tas-27 ta' Ġunju 2023 li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni regolatorja tas-servizzi finanzjarji bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Diċembru 2022 ffirmata mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament u li ntlaħaq qbil dwarha

mill-koordinaturi għal sitt gruppi politiċi tal-Parlament (Il-Partit Popolari Ewropew, l-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi, Renew Europe, Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea, Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej u The Left) dwar l-iskema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

A. billi l-Unjoni Bankarja (UB), li bħalissa tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, jeħtieġ li tiġi ssupplimentata bil-ħolqien ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS);

B. billi UB kompluta ttejjeb il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-għażla tal-konsumatur u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament;

C. billi l-banek tal-UE rreżistew l-impatt tal-aggressjoni Russa; billi huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja; billi hija meħtieġa aktar koordinazzjoni biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet;

D. billi, wara talbiet mill-Parlament, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI);

E. billi l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' konsolidazzjoni transfruntiera tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwaw il-kompetittività globali tiegħu; billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u tal-Istati Uniti kibret;

F. billi settur bankarju b'saħħtu huwa kruċjali għat-twassil tat-tkabbir ekonomiku, il-finanzjament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali;

G. billi l-proporzjon tas-self li ma jrendix (NPL) naqas bi ftit fl-ewwel kwart tal-2023 minkejja l-pandemija u l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;

H. billi l-leġiżlaturi tal-UE nnegozjaw regoli biex jimplimentaw l-istandards ta' Basel III b'mod li jippreserva l-kompetittività tal-banek u jqis l-ispeċifiċitajiet tas-settur bankarju tal-UE;

I. billi r-riskji li jirriżultaw minn żidiet fir-rati tal-imgħax ġew indirizzati kif xieraq;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jikkundanna l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq il-poplu Ukren, fuq l-UE u bnadi oħra; jistieden lill-banek ikomplu jnaqqsu l-esponiment tagħhom għal

[2] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.

korporattivi intensivi fl-enerġija;

2. Ifakkar li s-settur bankarju għandu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet u fil-monitoraġġ tal-konformità; jistieden lill-Kummissjoni toħloq bażi tad-data fil-livell tal-UE biex trawwem il-koordinazzjoni fost il-banek, tagħlaq il-lakuni fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet mill-Istati Membri u tivvaluta kif il-banek tal-UE jimplimentaw is-sanzjonijiet;

3. Jistieden lill-istituzzjonijiet jassistu lill-banek tal-UE li għad fadal joperaw fir-Russja fit-tħejjija ta' ħruġ ordnat mis-suq Russu;

4. Jitlob lill-Kummissjoni żżomm it-tlestija tal-UB u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali bħala prijoritajiet ewlenin għall-mandat li jmiss tagħha; jenfasizza li ż-żewġ proġetti joffru lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżidu l-istabbiltà finanzjarja, inaqqsu l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfruttaw il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE;

5. Iwissi li ż-żidiet reċenti fil-profittabbiltà tal-banek tal-UE mhumiex biżżejjed biex jiżguraw il-kompetittività tagħhom; jenfasizza li l-frammentazzjoni tillimita l-kapaċità tal-banek li jwettqu investimenti strateġiċi;

6. Jitlob li l-konsolidazzjoni fl-UE tiġi promossa billi jitneħħew l-impedimenti regolatorji għall-fużjonijiet transkonfinali; jenfasizza li l-konsolidazzjoni żżid il-profittabbiltà tas-settur bankarju tal-UE u l-istabbiltà finanzjarja;

7. Jenfasizza li s-settur bankarju għandu jkun kruċjali biex titwettaq it-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitalizzata u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u biex il-fondi jiġu diretti lejn enerġiji rinnovabbli;

8. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fil-Kunsill Governattiv tal-BĊE, fil-Bord Superviżorju tiegħu u fil-Bord tal-SRB; jistedinhom jiżguraw li l-ħatriet futuri jeliminaw id-distakk;

Superviżjoni

9. Jinnota li l-proporzjon tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni żdied fl-ewwel kwart tal-2023, iżda jiddispjaċih li l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità naqas;

10. Jinnota li l-proporzjon tal-NPL kompla jonqos; jitlob l-adozzjoni tal-proposta għal Direttiva AECE biex jiġu żviluppati swieq sekondarji tal-NPL;

11. Jenfasizza li l-impatt limitat tal-falliment reċenti tal-banek ta' daqs medju tal-Istati Uniti huwa prova tar-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE; jissottolinja li s-superviżuri tal-UE indirizzaw b'mod effiċjenti r-riskji li jirriżultaw minn bidliet fix-xenarju tar-rati tal-imgħax; jistieden lis-superviżuri jkomplu jivvalutaw l-iskoperturi għal aktar żidiet fir-rati tal-imgħax;

12. Jilqa' r-riżultati tat-test tal-istress tal-2023 madwar l-UE kollha u l-fatt li l-banek tal-UE setgħu jifilħu reċessjoni ekonomika; jinnota li l-iskopertura tal-banek għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tiddependi fuq l-istruttura tal-assi u l-mudell kummerċjali

tagħhom;

13. Jitlob aktar armonizzazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE, il-promozzjoni tal-konverġenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-użu tad-djalogu superviżorju biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tat-theddid għas-settur bankarju;

14. Jilqa' l-ftehim milħuq fil-livell interistituzzjonali biex jiġu implimentati l-istandards ta' Basel III fl-UE; jenfasizza li l-qafas mhux se jżid ir-rekwiżiti prudenzjali għall-banek jew jagħmel ħsara lill-kompetittività tagħhom; jinnota li l-implimentazzjoni tal-istandards ta' Basel għall-kriptoassi għadha pendenti;

15. Jinnota li s-settur tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji qed ikompli jikber; jiddispjaċih li regoli differenti għal dawn l-attivitajiet jistgħu jinvolvu riskji sinifikanti; jitlob approċċ regolatorju xieraq għall-ibbankjar parallel, għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta mal-banek u biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mill-esponiment tal-banek għal dawn l-attivitajiet;

16. Jenfasizza l-importanza li l-integrazzjoni ulterjuri tiġi kkombinata ma' salvagwardji kredibbli li jindirizzaw il-kwistjoni tal-pajjiż ta' oriġini u ospitanti;

Riżoluzzjoni

17. Jilqa' l-approċċi tal-SRB għall-approfondiment tal-valutazzjonijiet tar-riżoluzzjoni billi jiżviluppa miżuri ta' kontroll tal-kwalità għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u jivvaluta jekk dawn il-pjanijiet jistgħux jiġu implimentati fi żmien qasir;

18. Jilqa' d-deċiżjoni tal-President il-ġdid tal-SRB li jwettaq rieżami strateġiku komprensiv u jwettaq pjan ta' azzjoni ġdid;

19. Jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-ġerarkija tal-krediturifir-riżoluzzjoni bankarja; jilqa' s-superviżjoni bankarja konġunta tal-BĊE, id-dikjarazzjoni tal-SRB u l-EBA dwar l-użu sħiħ ta' strumenti ta' ekwità komuni qabel ma jitniżżel il-valur tal-kapital tal-Grad 1 Addizzjonali;

20. Jilqa' l-proposta għal riforma tal-qafas tas-CMDI wara talbiet mill-Parlament; jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni jitwessa', li jiġu ċċarati l-valutazzjonijiet tal-interess pubbliku u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat jiġi limitat;

21. Jenfasizza r-rwol tal-SRB u tax-xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija fil-protezzjoni tal-kontribwenti milli jħallsu għas-salvataġġi finanzjarji; jitlob l-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza li tikkonsisti f'linja ta' kreditu mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

Assigurazzjoni ta' depożitu

22. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress wara t-talbiet mill-MEPs fid-dikjarazzjoni tagħhom tas-7 ta' Diċembru 2022 biex jitkomplew in-negozjati dwar l-EDIS;

23. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiċċara l-ambitu tal-protezzjoni tad-depożitanti u żżid il-konverġenza permezz ta' riforma tad-Direttiva 2014/49/UE dwar l-iskemi ta'

garanzija tad-depożiti[3]; iwissi li r-rieżami tas-CMDI ma jistax jitqies bħala sostitut għall-EDIS;

24. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għall-EDIS; jitlob li jitqiesu l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali; jitlob li ssir valutazzjoni tal-kwalità tal-assi bankarji; jirrakkomanda li dan jinbeda bl-akkomunament tal-likwidità u l-akkumulazzjoni gradwali tal-fondi;

25. Jinnota li t-tnaqqis effettiv tar-riskju huwa kruċjali għall-EDIS; jenfasizza li r-rieżami tas-CMDI jipprovdi lill-koleġiżlaturi b'opportunità biex jerġgħu jibdew in-negozjati dwar l-EDIS;

°

° °

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u lill-Awtorità Bankarja Ewropea.

[3] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149.